# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**
**ONOR FRANCO DEPASQUALE, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta' Marzu, 2001**

**Numru 9**

**Cit. Nru. 495/91 GCD**

**Avukat Dottor Anthony Rutter Giappone ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Alfred Trading Co. Ltd. u b'nota tal-15 ta' Marzu, 1996, Alfred Fenech assuma l-atti f'isem is-socjeta' attrici**

**vs**

**Philip Chircop**

Il-Qorti ser tikkonsidra rikors ta' l-appellant fit-termini ta' l-artikolu 904 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li fih talab illi jinghata l-beneficcju tal-garanzija bil-gurament. Rikors li huwa intavola qabel l-ewwel jum tas-smiegh ta' dan l-appell wara li kien gie debitament notifikat bl-avviz li bih gie msejjah biex jiddepozita l-kawtela ta' l-appell determinata mir-Registratur tal-Qrati. Biex l-appellanti jkollu success f'din it-talba huwa kellu (a) juri prima facie li ghandu probabilis causa

litigandi, u (b) jahlef li ma rnexxielux igib dik il-garanzija mehtiega skond il-ligi.

Il-Qorti semghet lill-appellant jahlef li hu ma kienx f'posizzjoni li jgib il-garanzija mehtiega u li ma kellux il-mezzi biex de proprio jaffronta d-depozitu tal-kawtela mitluba. Dwar dan din il-Qorti hi sodisfatta ghaliex jidher li la l-mezzi finanzjarji ta' l-appellant u tal-familja tieghu u lanqas il-kapacita' tieghu biex jahdem ma kienu jippermettulu biex isib il-fondi biex jaghmel id-depozitu mehtieg. Dan ir-rekwizit jirrizulta provat.

Fir-rigward tal-probabilis causa litigandi, din il-Qorti tinnota qabel xejn illi s-socjeta' attrici appellata uzufruwiet mill-appell principali propost mill-kovnenut biex hi wkoll appellat incidentalment mis-sentenza tal-prim'istanza. Appell incidentali li jinvesti, anke jekk marginalment, in-natura tan-negozju li sar bejn il-kontendenti. Iz-zewg appelli jimportaw l-interpretazzjoni tal-ftehim sigillat bl-iskrittura tas-7 ta' Marzu, 1988, u l-aggravji sottomessi mill-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu prima facie jidher li jimmeritaw li jigu approfonditi u konsidrati mill-gdid minn din il-Qorti.

Oltre dan l-appellant ghandu wkoll aggravju fir-rigward ta' l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici u d-diversi lmenti f'dan ir-rigward kien sewwa li jigu konsidrati. Dan anke ghaliex fir-risposta tar-rikors ta' l-

appell ma jidhirx li gew investiti l-lanjanzi kollha ta' l-appellant dwar il-likwidazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Jirrizultaw allura bizzejjed elementi biex din il-Qorti tistabilixxi li hemm probabilis causa litigandi almenu fuq parti mill-aggravji sollevati.

Ghal dawn il-motivi t-talba ta' l-appellant biex jigi ammess ghall-beneficcju tal-garanzija bil-gurament, ai termini ta' l-artikolu 904 tal-Kap 12 qed tigi milqugha. Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali. L-appell qed jigi differit ghat-trattazzjoni fil-mertu.

Dep/Reg

mm